# 12 OPERAZZJONI GĦALL-PROBLEMI TAL-KONTROLL TAL-BUŻŻIEQA TAL-AWRINA FIN-NISA

Ħafna nisa jqattru ammonti żgħar ta' awrina jew ipixxi taħthom meta jisgħolu, jgħaddsu jew jagħmlu eżerċizzju (dan hu magħruf bħala **inkontinenza kaġunata mill-istress**). Għalkemm hemm ħafna metodi ta' kura li tista' tipprova qabel, xi nisa jkollhom bżonn operazzjoni għal din il-problema.

## X'JIKKAWŻA PROBLEMI TAL-KONTROLL TAL-BUŻŻIEQA TAL-AWRINA?

Il-problemi tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jiġru principalment minħabba ħsara fil-muskoli tal-qiegħ tal-pelvi u t-tessuti li jissapportjawhom.

Il-qiegħ tal-pelvi hu magħmul minn saffi ta' muskoli u tessuti oħra. Dawn is-saffi jiġġebdu bħal branda madwar il-bużżieqa tal-awrina u l-vaġina mid-denb tas-sinsla fid-dahar sal-għadma pubika fuq quddiem. Il-muskoli tal-qiegħ tal-pelvi jagħmlu numru ta' affarijiet, bħal ma huma:

- jgħinu jagħlqu l-bużżieqa tal-awrina, l-vaġina (Il--passaġġ ta' quddiem) u r-rektum (il-passaġġ ta' wara); u
- jgħinu jżommu l-bużżieqa tal-awrina, l-uteru (l-ġuf) u l-imsaren fejn suppost.

Int tista' ssib aktar tagħrif dwar il-muskoli tal-qiegħ tal-pelvi fil-fuljett "Waħda minn Kull Tliet Nisa Li Qatt Welldu Tpixxi Taħtha". Il-problemi tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jistgħu jibdew meta l-muskoli tal-qiegħ tal-pelvi jiddgħajfu għax:

- ma żżommx il-muskoli attivi;
- tkun tqila u twelled;
- kostipuzzjoni
- tkun tiżen aktar milli suppost;
- irfigħ ta' affarijiet tqal;
- tisgħol għal ħin twil (bħal ngħidu aħna sogħla bħal ta' min ipejjep, jew ażżma); jew
- tibda tikber fl-età.

## KIF JISTGĦU JIĠU KKURATI L-PROBLEMI TAL-KONTROLL TAL-BUŻŻIEQA TAL-AWRINA?

L-aħbar t-tajba hi li l-biċċa l-kbira tan-nisa jistgħu jikkontrollaw il-bużżieqa tal-awrina tagħhom aħjar billi jsaħħu l-muskoli tal-qiegħ tal-pelvi tagħhom permezz tal-eżerċizzju. Il-fuljett "Eżerċizzju tal-Muskolu tal-Qiegħ tal-Pelvi għan-Nisa" jgħidlek kif. It-tabib, il-fiżjoterapista jew il-konsulenta ners tiegħek tal-kontinenza jistgħu wkoll jgħinuk.

## META JKUN HEMM BŻONN ISSIR OPERAZZJONI?

Fil-każ ta' numru zgħir ta' nisa, il-metodi l-aktar sempliċi jistgħu ma jirnexxilhomx jgħinu l-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina, u tqattir ta' ammonti żgħar ta' awrina jistgħu jagħmlu l-ħajja ta' kuljum iebsa. F'dawn il-każi jista' jkun hemm bżonn li ssir operazzjoni. **L-operazzoni qatt m'għandha tkun l-ewwel għażla.** L-operazzjonijiet kollha għandhom riskju. Int għandek tiddiskuti dawn ir-riskji mal-professur tiegħek.

## X'INHI L-IKTAR OPERAZZJONI KOMUNI?

Issa hemm metodi kif jitpoġġew tejpijiet sintetiċi ġewwa biex jissapportjaw l-għonq tal-bużżieqa tal-awrina. Dawn it-tejpijiet jirnexxu 8 jew 9 darbiet minn kull 10, meta nuqqas ta' sapport għal għonq tal-bużżieqa tal-awrina hi l-kawża ta' kontroll fqir tal-bużżieqa tal-awrina. Din it-tip ta' operazzjoni tista' ssir taħt loppju ġenerali jew lokali. Spiss issir operazzjoni matul il-ġurnata u ma jkollokx għalfejn torqod l-isptar.

## HEMM XI GĦAŻLIET OĦRA?

Il-Burch colposuspension tuża punti li jitpoġġew ġewwa biex jiffurmaw braga taħt l-għonq tal-bużżieqa tal-awrina. Tista' ssir permezz ta' operazzjoni miftuħa jew key-hole.

Aġenti injettabbli f'forma ta' ġel jistgħu jitpoġġew ġewwa u madwar l-għonq tal-bużżieqa tal-awrina biex iħaxxnuha biex tkun tista' tingħalaq aħjar. Dawn il-ġels la jaħdmu tajjeb u l-anqas idumu daqs l-operazzjonijiet l-oħra, imma huma sempliċi u hemm inqas probabilità li jikkawżaw problemi. Nerġgħu ntennu, int għandek tiddiskuti r-riskji tal-operazzjoni mat-tabib tiegħek.

## HEMM XI ĦAĠA ĠDIDA?

Hemm riċerka kontinwa dwar metodi kif tikkura l-inkontinenza. Għad irid jgħaddi iż-żmien qabel ma nkunu nafu jekk il-kuri ġodda li qed jiġu żviluppati ser ikunux utli.

## X'GĦANDEK TISTAQSI LILL-PROFESSUR TIEGĦEK?

Qabel ma taqbel li tagħmel operazzjoni, int għandek titkellem dwarha mal-professur tiegħek u semmi kollox. Agħmel lista ta' mistoqsijiet li tixtieq tistaqsi. Dawn jistgħu jkopru:

- għala din it-tip ta' operazzjoni ġiet magħżula fil-każ tiegħi;
- kemm ser tirnexxi;
- x'inhuma dettalji tal-operazzjoni;
- x'inhuma l-problemi li jistgħu jinqalgħu, kemm fuq firxa ta' żmien qasir u firxa ta' żmien twil;
- x'tip ta' merk ta' ġerħa ser jibqa', x'tip ta' uġigħ ser ikollok;
- kemm ser ikollok bżonn tieħu żmien ta' mistrieħ mix-xogħol;
- kemm ser tiswa; u
- kemm ser idumu l-effetti?

## ITLOB L-GĦAJNUNA

M'intix waħdek. Kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina jista' jitfejjaq jew ikunu mmaniġġjat aħjar jekk ikun ikkurat.

Ċempel lill-Konsulenti Esperti li Jagħtu l-Pariri fuq il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna bit-Telefown dwar il-Kontinenza bla ħlas:

- tagħrif;
- parir; u
- fuljetti.

Fuq 1800 33 00 66 TELEFONATA BLA ĦLAS* (mit-8.00 am sat-8.00 pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa), jew

Żur din is-sit tal-web: www.bladderbowel.gov.au

Il-Linja tat-Telefown tal-Għajnuna hi ffinanzjata mill-Commonwealth Government's National Continence Management Strategy u mmaniġġjata mill-Continence Foundation of Australia.

Il-LInja tat-Telefown tal-Għajnuna tista' torganizza interpretu permezz tas-Servizz tal-Interpreti bit-Telefown (TIS) Jekk jogħġbok ċempel 13 14 50 mit-Tnejn sal-Ġimgħa u staqsi għall-Linja tat-Telefown tal-Għajnuna.

**Kun af x'inhuma l-għażliet tiegħek biex tikkura problemi tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina.**

* Telefonati minn telefonijiet tal-mowbajl jiġu ċċarġjati r-rati applikabbli.